Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 448/2017

Il-Pulizija

Spettur Anna Maria Xuereb[1]

Vs

Anthony Agius

Illum 27 ta' Frar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Anthony Agius detenur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 266951(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> F' dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Dicembru 2003, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, b' xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom, b' mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b' ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu tal-Ewro (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;
>
> Kif ukoll talli f' dawn il-Gzejjer, fl-24 ta' Marzu 2006 jew fil-jiem u x-xhur ta' qabel, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, xjentement ghamel uzu minn

[1] Dehret biss ghas-seduta tat-3 ta' Lulju 2017 u ma kinitx involuta fl-istharrig u l-prosekuzzjoni ta' dan il-kaz.

att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli precedenti ghall-Artikolu 184 fis-Sub-titolu II tat-Titolu V f' Taqsima II tal-Kodici Kriminali;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 30 (1) (a) u 190 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet finalment gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis matandis id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23 A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f' kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellat Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Novembru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jghogobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabet lill-appellat Anthony Agius mhux hati tat-tieni (2), it-tielet (3), u r-raba' (4) imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu,

U

2. Thassarha u tirrevoka f' dik il-parti fejn sabet lill-appellat Anthony Agius mhux hati tal-ewwel (1) imputazzjoni dedotta kontra tieghu u illiberatu minn kull piena, u wara li tisma' dan l-appell, tbiddilha f' din il-parti u ssib lill-appellat Anthony Agius hati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tinfliggi l-piena skont il-ligi fil-parametri relattivi, inkluz bl-applikazzjoni ta' dawk id-dispozizzjonijiet tal-Ligi li huma konsegwenzjali ghas-sejbien tal-htija.

Rat l-Aggravju tal-appellant Avukat Generali li hu s-segwenti:

Illi fit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), l-appellant Avukat Generali ircieva l-atti tal-kawza odjerna u hassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti, filwaqt li erogat sentenza dettaljata, madanakollu f' certu partijiet tas-sentenza, manifestament ghamlet enuncjazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata ta' l-ipotezi tal-ligi u apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u ghalhekk ma seghtatx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, cioe' ghal liberatorja tal-appellat mill-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrih. Ghaldaqstant l-appellant qieghed jintavola dan l-umli appell. Illi a skans ta' ekwivoku, l-appellant qed jintavola dan l-umli appell fil-konfront biss tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra l-appellat f' dawn il-proceduri;

Illi l-aggravju huwa car u manifest, stante li jirrizulta mis-sentenza appellata illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) illiberat lill-appellat mill-akkuza ta' komplicita fir-reat tal-frodi kif sancit mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, malgrado li kif ser jinghad iktar il' quddiem, fl-atti processwali hemm il-provi necessarji li jwasslu ghal konvinciment morali li l-appellat irrenda ruhu komplici fil-frodi perpetrata mill-venditur Raymond Aquilina u l-kompratrici Wendela Ringeling b' dannu lill-Gvern ta' Malta;

Illi qabel jezamina dawn il-provi prezentati in atti kontra l-appellat, l-appellant ser jaghmel referenza ghal konsiderazjonijiet legali li jirrigwardaw l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat u cioe' dik tal-komplicita fil-frodi. Illi l-Artikolu tal-Kodici Kriminali li jitratta dwar il-komplicita f' reat jghid hekk:

> 42. Persuna titqies komplici f' delitt jekk hija -
>
> (a) tkun tat ordni lil haddiehor biex jaghmel id-delitt; jew
>
> (b) tkun gieghlet li d-delitt isir b' mezz ta 'rigali, weghdiet, theddid, maniggi, jew eghmil qarrieqi, inkella b' abbuz ta' awtorita jew setgha, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-deiitt, jew
>
> (c) tkun tat armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-eghmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jigu uzati; jew
>
> **(d) ghad li ma tkunx wahda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (e), <u>b' xi mod li jkun, xjentement, tkun ghenet jew assistiet lill-awtur</u> jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat;**[2] jew
>
> (e) tkun xewxet lil haddiehor inkella sahhet il-volonta tieghu sabiex
> jaghmel id-delitt, jew weghdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah.[3]

[2] Enfasi u sottolinear tal-appellant.
[3] Artiklu 42 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minn din id-dispozizzjoni johrog car li sabiex persuna tinstab hatja ta' komplicita huwa bizzejjed ghall-prosekuzzjoni li ggib il-prova li b' xi mod li jkun u bi xjenza, l-appellat ikun ghen jew assista lill-awturi tad-delitt sabiex jilhqu l-iskop taghhom. Issa dan allura ifisser li sabiex tinstab il-htija fil-komplicita, mhux necessarju li jigu ippruvati fil-konfront tal-komplici l-elementi kollha tar-reat principali (u cioe' dak tal-frodi). Naturalment l-elementi kollha tal-frodi iridu jigu ippruvati fil-konfront tal-awturi tar-reat, filwaqt li fil-konfront tal-komplici, huwa bizzejjed li l-prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mill-Ligi li l-persuna tkun b' xi mod u xjentement assistit lill-awturi;

Illi l-awturi ta' din il-frodi a dannu tal-Gvern ta' Malta huma Wendela Ringeling (il-kompratrici) u Raymond Aquilina (il-venditur). Illi dawn iz-zewg ko-awturi kienu tressqu l-Qorti separatament akkuzati fost l-ohrajn bil-frodi kif kontemplat taht l-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, u li huma wettqu permezz tal-konvenju[4] liema konvenju ma giex insinwat u ghalhekk l-awtoritajiet ma kienux jafu bih u bil-prezz li kien fih, fejn allura iddikjaraw li l-prezz tal-propjeta huwa ta' LM 145,000 mentri fuq il-kuntratt finali l-prezz gie imnizzel ghal LM60,000. Illi kemm Wendela Ringeling kif ukoll Raymond Aquilina ammettew ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrihom inkluz ghar-reat tal-frodi u ghaldaqstant f'dan l-istadju l-frodi imwettqa mill-awturi Ringeling u Aquilina huwa pruvat sal-grad rikjest mill-Ligi. Illi ghalhekk isegwi lill-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex il-htiega li tezamina l-elementi kostitutivi tal-frodi, galadarba ma jistax jigi kontestat li l-frodi imwettqa fil-prezenza u allura bil-konsapevolezza tan-nutar qua appellat Anthony Agius sehhet u bhala stat ta' fatt giet pruvata permezz ta' sentenzi li huma res judicata u ghalhekk ma jistghux jigu mibdula. Illi ma huwiex kontestat li l-messa in xena u l-qliegh ghamluh l-venditur u l-kompratrici, madanakollu ai fini ta' komplicita' mhux rikjest li dawn l-elementi tar-reat jikkonfiguraw ukoll a favur tal-komplici. Il-fatt li l-komplici jkun xjentement assista l-awturi tar-reat sabiex iwettqu l-imsemmi reat huwa bizzejjed sabiex tigi pruvata l-komplicita. Illi l-appellant qed jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Pulizija (Spettur Angelo Gafa') kontra Raymond Aquilina esebita a fol 278 tal-atti processwali u s-sentenza ta' The Police (Inspector Angelo Gafa') vs. Wendela Louise Alberdne Ringeling, ezebita a fol 392 tal-atti processwali;

Illi galadarba huwa stabbilit r-reat tal-frodi perpetrat mill-venditur u mill-kompratrici, jonqos biss li jigi stabbilit l-komplicita' u cioe' n-ness bejn l-azzjonijiet tal-appellat u l-frodi hawn imsemmija. Illi bhala stat ta' fatt, l-appellat kien ghamel ammissjoni u ddeskriva fid-dettall l-involviment tieghu f' din il-frodi, fl-istqarrija li l-appellat irrilaxxja nhar il-21 ta' Lulju 2009 u li tinsab ezebita in atti a fol 56 tal-atti processwali. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti skartat l-istqarrija tal-appellat fuq skorta ta' gurisprudenza recenti tal-Qrati nostrana u ta' Strasburgu, stante li din l-istqarrija kienet giet rilaxxata minghajr ma inghata d-dritt ghall-assistenza legali. Illi madanakollu dak li qal l-appellat fl-istqarrija isib korroborazzjoni b' sahhitha minn xhieda ohra tal-prosekuzzioni li jiffurmaw parti mill-atti ta' dawn il-proceduri kif ukoll mill-provi dokumentarji

[4] Datat 19 t' April, 2003 u ezebit a fol. 33 tal-atti processwali.

u cioe' l-konvenju u l-kuntratt finali. Illi anke jekk l-istqarrija tigi kompletament skartata, xorta wahda hemm bizzejjed provi sabiex tinstab htija fil-konfront tal-appellat sal-grad rikjest mill-Ligi;

Illi jekk wiehed jara d-depozizzjoni ta' Roberto Conte (li huwa s-sensar li laqqa' lil venditur Raymond Aquilina mal-kompratrici Wendela Ringeling) huwa jghid kjarament li d-differenza fil-prezz sar sabiex tigi evaza t-taxxa[5] kif ukoll ikkonferma lin-nutar Anthony Agius kien jaf bid-differenza fil-prezz (u cioe' li minn LM145,000 dikjarat fuq il-konvenju, dan inbidel ghal LM60,000 fuq il-kuntratt finali) u kien jaf ukoll li tali bidla fil-prezz saret a skop li tigi evaza t-taxxa dovuta lill-Gvern ta' Malta.[6] Conte jghid ukoll li apparti li l-kuntratt finali sar minn Nutar Agius, l-istess appellat kien ukoll il-bniedem li ha hsieb jaghmel il-konvenju, avolja ma kienx firmatarju fih. lnfatti jekk wiehed jara l-ahhar sentenza a fol. 154 tal-atti processwali isib li Conte verbatim jghid: 'That was why in-Nutar Agius huwa l-bniedem li ha hsieb dan il-konvenju". lktar il' quddiem fid-depozizzjoni tieghu Conte jghid ukoll li l-partijiet li dehru fuq il-kuntratt bdew jiftehmu li ser jiddefrodaw lill-Gvern ta' Malta proprju waqt li kienu qed jiffirmaw il-konvenju[7] u cioe' fil-prezenza tan-Nutar Agius qua appellat;

Illi f' dawn il-proceduri iddepona ukoll l-venditur Raymond Aquilina u cioe' l-venditur nhar is-6 ta' Settembru 2011[8]. Illi Aquilina kien ammetta u nstab hati ta' frodi taht l-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali nhar l-10 ta' Gunju, 2010 u ghalhekk huwa palesi li huwa xehed wara li ammetta l-htija tieghu u gie sentenzjat mill-Qorti. Ghaldaqstant l-istess Aquilina ma kellu l-ebda interess li jakkolla xi htija mhux misthoqqa lin-nutar tieghu li kien abitwalment juza. Illi meta xehed Aquilina ikkonferma li d-differenza fil-prezz mill-konvenju ghall-fuq l-att finali saret a skop ta' evazjoni fiskali[9] kif ukoll ikkonferma li n-nutar Agius qua appellat kien jaf sa mid-data tal-konvenju li l-prezz li kellu jidher fuq il-kuntratt kien ser ikun ta' LM 60,000 u mhux ta' LM 145,000 kif patwit fuq il-konvenju! Izid ukoll li l-appellat qatt ma staqsieh ghaliex kien hemm din id-differenza drastika ta' LM 85,000! Liema nutar u ufficjal pubbliku diligenti u tal-affari tieghu jara u jaf b' dawn il-maniggi kollha u ma jqumlux suspett li ser issir xi haga hazina? B' differenza daqshekk drastika u konsiderevoli fll-prezz, ghaliex lanqas biss kellem lil-partijiet fil-kuntratt? Jekk kien in buona fede, ghaliex baqgha sieket u anzi ghen u ffacilita li ssir tali frodi ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan meta hu huwa ukoll ufficcjal pubbliku;

Illi Raymond Aquilina ikompli jghid u jikkonferma li fuq l-att finali, huwa ircieva minghand in-nutar Agius s-somma komplessiva ta' LM 145,000 (kif kien patwit fil-konvenju) u mhux LM 60,000 kif jidher fuq il-kuntratt finali redatt mill-qua appellat[10]. Dan l-ahhar fatt wahdu juri bic-car kemm l-appellat mhux biss kien konsapevoli tal-frodi li kienet ser issir izda ippartecipa fiha huh

5 Vide fol. 153 tal-atti processwali
6 Vide fol. 154 tal-atti processwali
7 Vide fol. 158 tal-atti processwali
8 Vide fol. 231 tal-atti processwali
9 Vide fol/ 233 tal-atti processwali
10 Vide fol. 235 u 236 tal-atti processwali

rrediga kuntratt finali u att pubbliku meta kien jaf li l-prezz versat ghall-proprjeta' mertu tal-kuntratt kien kompletament fazull u ntiz biss sabiex tqarraq bl-awtoritajiet a skapitu tal-Gvern ta' Malta. Ta' min wiehed josserva ukoll li bhala ufficjal pubbliku l-appellat kellhu d-dmir li ma jaghmilx u ma jinsinwax dak il-kuntratt qarrieqi;

Illi l-appellant jaghmel ukoll referenza ghax-xhieda li kien ta l-appellat nhar is-6 ta' Frar, 2009 quddiem il-Prim Awla ta-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef Giannino Caruana Demajo, esebita a fol. 203 tal-atti processwali. Illi filwaqt li l-appellat forna din ix-xhieda fil-Qrati ta' Gurisdizzjoni Civili madanakollu din ix-xhieda tifforma parti mill-corpus ta' provi prezentati f' dawn il-proceduri kriminali, kif ukoll l-appellat ghazel li jkompli jixhed anke wara li l-Qorti taghtu d-debita twissija 'caution'.[11] F' dawn id-depozizzjoni l-appellat ikkonferma li huwa kien jaf li l-konvenju gie patwit ghas-somma ta' LM 145,000[12] kif ukoll ghall-fatt li l-prezz gie ridott mill-partijiet ghal skopijiet ta' evazjoni tat-taxxa u li hu rrediga l-imsemmi konvenju ghall-prezz komplessiv ta' LM 145,000[13]. L-appellat jghid ukoll li l-valur tat-transazzjoni li dehret fuq il-kuntratt li rrediga u insinwa huwa stess kien ta' LM 60,000 kif ukoll jikkonferma li huwa wettaq din id-differenza fil-prezz bejn il-konvenju u l-kuntratt sabiex tigi evaza t-taxxa mill-partijiet ghall-kuntratt[14];

Illi ghaldaqstant jirrizulta kjarament u minghajr dubju minn dawn il-provi kollha prezentati in atti li l-appellat xjentement ghen/assista lill-awturi fil-kommissjoni tar-reat tal-frodi. Illi il-gurisprudenza nostrana tghallimna illi anke xhud wiehed jekk emnut huwa bizzejjed sabiex tistab htija fil-konfront tal-imputat. F' dan il-kaz mhux xhud wiehed hawn izda diversi, liema xhieda jikkorroboraw l-verzjoni li l-appellat irrilaxxja fl-istqarrija u li xehed huwa stess quddiem il-Qrati Civili. Illi wiehed irid izomm f' mohhu ukoll li l-appellat bl-ufficcju tieghu ta' nutar, kellu parti u involviment strumentali biex tkun tista issir din il-frodi mill-partijiet ghall-kuntratt. Minghajr l-involviment attiv tal-appellat, l-awturi ta' din il-frodi certament li ma kienux ikunu f' pozizzjoni li jwettqu l-hsieb frawdolenti taghhom fil-prattika. Mill-provi hareg ukoll il-fatt li l-appellat kien konsapevoli tal-qerq mill-bidu nett u cioe' minn meta sar il-konvenju u kkollabora mal-awturi ta' dan id-delitt sabiex dawn jilhqu l-iskopijiet illecti li kellhom f' mohhhom. Illi ghaldaqstant wiehed jista' jasal sahansitra ghal certezza morali li l-appellat irrenda ruhu komplici ghall-frodi imwettqa mill-awturi Aquilina u Ringeling;

Illi b' referenza ghall-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ibbazat ukoll il-liberazzjoni tal-appellat fuq il-fatt li l-Qrati Civili sussegwentement iddikjaraw il-kuntratt in kwistjoni huwa null stante li l-art li Aquilina kien qed ibiegh irrizulta li hi tal-Gvern, l-appellant josserva li tali nullita' ghandha effett fil-Ligi Civili u ma ghandha l-ebda relevanza ghall-kamp penali. Illi wiehed irid izomm f' mohhu li Aquilina u Ringeling instabu hatja li wettqu r-reat ta' frodi u li tali nullita ma taffettwax is-sejbien ta' htija fil-konfront taghhom. Inoltre irid

[11] Vide fol. 206 tal-atti processwali
[12] Vide fol. 203 tal-atti processwali
[13] Vide fol. 205 tal-atti processwali
[14] Vide fol. 206 tal-atti processwali

> jigi rilevat ukoll li kieku ma nkixifx dan ir-reat, lanqas biss konna niskopru li l-art kienet tal-Gvern ghallinqas mhux f' dan l-istadju. Ghalhekk ir-rexizzjoni tal-kuntratt mill-Qrati Civili ma tista' bl-ebda mod tezonera lill-appellat mir-responsabilita' kriminali meta rrenda ruhu komplici mal-awturi tar-reat;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell intentat mill-Avukat Generali huwa limitat ghal dik il-parti tad-decizjoni impunjata fejn l-appellat Anthony Agius gie illiberat mill-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu, u cioe' dik ta' komplicita' fil-kumissjoni tar-reat tal-frodi. Jishaq l-appellant Avukat Generali illi l-appellat fil-vesti tieghu bhala ufficjal pubbliku u cioe' ta' nutar pubbliku li kien responsabbli mill-publikazzjoni tal-att finali ta' kompro-vendita ta' proprjeta gewwa s-Swieqi, bejn certu Raymond Aquilina u Wenda Ringeling, kien konxju tal-fatt illi l-kontraenti kienu iddikjaraw prezz inferjuri ghal valur rejali tal-proprjeta' li kienet qed tigi trasferita bil-ghan li jkun hemm l-evazjoni tat-taxxa dovuta lill-Gvern sabiex b'hekk assista lill-awturi ta' dan ir-reat ta' frodi fil-kummissjoni tal-istess. Jishaq b'hekk illi huwa ghandu jitqies bhala komplici fit-termini tal-artikolu 42(d) tal-Kodici Kriminali.

Illi allura l-Avukat Generali qed isejjah lil din il-Qorti sabiex taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi migjuba quddiem l-Ewwel Qorti u dan ghaliex jilmenta illi dik il-Qorti ghaddiet ghall-applikazzjoni zbaljata ta' dritt fuq il-fatti li kellha ipprezentati quddiemha. Dan ghaliex huwa tal-fehma illi gjaldarba l-appellat gie mixli biss fil-vesti ta' komplici u mhux bhala l-awtur tar-reat allura ma kienx hemmx il-htiega li fil-konfront tieghu jissussistu l-elementi mehtiega ghar-reat ta' frodi li allegatament kien komplici fil-kummissjoni tal-istess.

Illi bir-rispett kollu lejn l-appellat Avukat Generali l-Qorti ma tistax taqbel ma' din l-interpretazzjoni ta' dritt. Illi l-figura tal-komplici tirrizulta kull meta jkun hemm wiehed mill-azzjonijiet indikati fl-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Madanakollu dawn necessarjament iridu jkunu marbuta mal-kummissjoni ta' xi reat. Dan ghaliex irid necessarjament jirrizulta l-partecipazzjoni fil-intenzjoni kriminuza sabiex jiriaffigura 'l hekk imsejjah "*common design*" mehtieg bejn l-awtur/ko-awturi u l-komplici tieghu/taghhom. Mankanti dan il-pjan pre-ordinat bejn dawn in-nies kompartecipi fil-kummissjoni ta' delitt, kwindi tonqos ukoll ir-reita'. Kif ighallimna l-Professur Anthony Mamo[15]:

> **"A merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how effectively the act of one person may have helped another in the commission of an offence, the former is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence"**

Illi il-Qorti tista' tieqaf hawn. Dan ghaliex ghalkemm jista' jirrizulta mill-atti illi l-appellat fil-kapacita' professjonali tieghu ta' nutar pubbliku segwa l-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-klijent meta huwa nizzel fl-att finali ta' kompro-vendita prezz li ma kienx jirrifletti dak li verament kien patwit bejn il-partijiet bhala korrispettiv ghat-trasferiment tat-titolu, ghalkemm tali azzjoni tista' tirrizulta f'nuqqasijiet ohra li bihom l-appellat ma giex mixli, madanakollu b'daqshekk ma ifissirx illi kienet tezisti il-partecipazzjoni tieghu fl-intenzjoni kriminuza tal-kontraenti fil-kuntratt ippubblikat minnu. Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti l-elementi mehtiega ghal kummissjoni tar-reat tal-frodi u allura tal-kompartecipazzjoni fil-kummissjoni tal-istess huma kollha nieqsa. Mhux biss ghaliex l-intenzjoni u cioe' id-*dolus* huwa nieqes ghal kollox, izda ukoll ghaliex l-appellat bl-agir tieghu ma ghamel l-ebda qliegh minn din l-allegata kompartecipazzjoni, jew ghall-inqas prova tal-istess ma tirrizulta minn imkien fl-atti.

> **"Il-komplicita' tippresupponi ineluttabilment l-akkordju ta' aktar minn forza wahda (morali jew fizici) li jikkonvergu biex jipperpetraw "l-istess delitt"[16]"**

[15] Lectures in Criminal Law pp 124 u 125
[16] Il-Pulizija vs George Pace- App.Krim. 11/10/1952

Mhus biss, izda minn daqqa t'ghajn lejn il-konvenju esebiet in atti minn fejn jirrizulta il-prezz originali miftiehem ghat-trasferiment tal-art fis-Swieqi bejn Aquilina u Ringeling, ghalkemm ix-xhieda Roberto Conte u Aquilina stess ighidu li dan gie redatt mill-appellat fil-vesti tieghu ta' ufficjal pubbliku, madanakollu minn imkien mill-iskrittura esebita ma jidher illi l-appellat kien kompartecipi fl-istess fejn lanqas il-firma tieghu ma tirrizulta fuq dana il-ftehim[17].

Illi l-appell tal-Avukat Generali jigi wicc imb'wicc ma' ostakolu legali iehor, ghaliex jirrizulta mill-atti probatorji illi l-art mertu tal-vertenza bejn il-ko-litigandi u li allura tinsab fl-isfond tal-akkuzi migjuba kontra l-appellat hija proprjeta' tal-Gvern u kwindi l-att ta' kompro-vendita iffirmat bejn il-partijiet huwa null. Dan il-fatt igib mieghu bhala konsegwenenza illi l-ebda taxxa ta' trasferiment ma hija dovuta mill-kontraenti u allura ghalkemm jista' jirrizulta l-att materjali ghal fini tal-kommissjoni tar-reat tal-frodi, madanakollu dana qatt ma jista' igib mieghu it-telf patrimonjali tal-vittma bhala konsegwenza tal-att frawdolenti. Fil-fatt anke meta sar il-kuntratt finali il-partijiet kienu konsapevoli tal-fatt illi t-titolu ta' proprjeta' tal-*aventi causa* tal-venditur kien wiehed dubbjuz stante illi l-art kienet tappartjeni lil-Knisja, imbaghad ghaddiet f'idejn il-Joint Office, b'effett ta'dak stipulat fil-Kapitolu 358 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'effett retroattiv mis-sena 1993, sabiex b'hekk l-art illum hija proprjeta' tal- Gvern[18]. Dan jirrizulta mill-klawsola numru 7 tal-kuntratt datat 11 ta' Dicembru 2003, fejn hemm hekk pattwit:

> **"The vendor company binds itself in favour of the purchaser to do its utmost for the issuing of the relative Land Registry Certificate by the competent authority, and the vendor binds itself to pay all the relative costs and legal expenses involved in the issuing of such certificate, and also for the cancellation of such certificate from the Joint Office's name. In case of the vendor fails to succeed in cancelling the said certificate from the Joint Office's name vendor company binds itself to indemnify the purchaser."**

Dan il-fatt kien ben maghruf ukoll ghall-kompratrici li iddikjarat hekk fil-klawsola numru 2:

> **"The Purchaser declares that she is fully aware that the land in question is effected by a land registration made by the Joint Office on the twenty second**

[17] Ara Dokument AG2 a fol.33
[18] Ara document KG u KG1 a fol.326 et.seq

**(22nd) day of May two thousand and three (2003). In this respect the guarantee of peaceful possession of the plot being sold is qualified."**

Illi allura ghalkemm jirrizulta illi l-intenzjoni tal-awturi tar-reat fiz-zmien tal-kummissjoni tieghu kienet li iggib it-telf patrimonjali tal-vittma, f'dan il-kaz il-Gvern ta' Malta, madanakollu dan qatt ma seta' isehh b'success billi l-kontrattazzjoni fuq il-proprjeta' fis-Swieqi ma setatx issir billi din l-art kienet tappartjeni lill-Gvern stess.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti tqies illi l-appell intentat mill-Avukat Generali ma jisthoqqlux akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur